Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 168/13 AE

**Mirage Holdings Ltd (6808)**

**vs**

**Greta Apap Bologna eżerċenti l-kummerċ bħala Greta Design u Adrian Camilleri**

Seduta tat-Tnejn, 2 ta' Mejju 2016.

B'rikors prezentat fit-12 ta' Gunju 2013 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), is-soċjeta' appellanti talbet li l-konvenuti jiġu kkundannati solidalment bejniethom iħallsu s-somma ta' €10,418.26 prezz ta' merkanzija lilhom mibjugħa u kkunsinnata.

Il-konvenut Adrian Camilleri wieġeb li l-merkanzija ma kinitx tal-kwalita' u kundizzjoni pattwita. Il-konvenuta Greta Apap Bologna eċċepiet li hija dejjem aġixxiet f'isem Adrian Camilleri u għalhekk m'hijiex il-leġittimu kontradittur.

B'sentenza tad-9 t'April 2015 l-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuta Greta Apap Bologna wara li qalet:

*"Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta b'mod inekwivoku illi Greta Apap Bologna kienet qieghda tagixxi ghan-nom, u ghalhekk, bhala mandatarja, ta' Adrian Camilleri, illi kien il-beneficjarju tal-oggetti illi s-socjeta rikorrenti kienet qieghda tbiegh.*

*Hareg ukoll b'mod inekwivoku illi s-socjeta rikorrenti kienet ben a korrent tal-fatt illi Greta Apap Bologna kienet qieghda tagixxi ghan-nom ta' Adrian Camilleri, u dana jirrizulta bl-aktar mod car kemm mill-korrispondenza esebita quddiem dina l-Qorti kif ukoll mx-xhieda tal-persuni involuti direttament fin-negozju illi kien sar, ossija l-intimata Greta Apap Bologna u l-addetta taghha Erica Muscat, u s-salesman tas-socjeta rikorrenti Adrian Stagno Navarro. Tali konsiderazzjoni tirrizulta wkoll mill-fatt illi s-socjeta rikorrenti kkorrispondiet direttament mal-intimat Adiran Camilleri u kien biss wara illi l-istess Camilleri baqa' jirrifjuta l-hlas, illi huma daru wkoll fuq Greta Apapa Bologna.*

*Ghalhekk, johrog car illi Greta Apap Bologna kienet qieghda tagixxi bhala mandatarja ta' Adrian Camilleri u, stante illi s-socjeta rikorrenti kienet a konnoxxenza ta' dana 'l fatt u dwar min kien il-mandatarju, ossija Adiran Camilleri, l-azzjoni odjerna kellha tigi ntavolata unikament kontra tieghu."*

L-attrici appellat mis-sentenza u lmentat filli:

*"l-ewwel qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-aqwa prova u cioe' d-dokumenti kollha tal-kummerc relattivi ghal-bejh tal-merkanzija in kwistjoni. Dawn huma s-sales orders, l-invoices, id-delivery notes, il-pagament permezz ta' cheque, ir-ricevuta, il-kontijiet uzati fit-transazzjonijiet. Dawn id-dokumenti juru bla l-icken dubju li l-bejgh sar bejn Mirage Holdings Ltd u Greta Apap Bologna ezercenti fil-kummerc bhala Greta Design. Dawn id-dokumenti*

*jipprovaw li Greta ma agixxietx bhala mandatarja ta' Adrian Camilleri imma agixxiet f'isimha proprju."*

## **Fatti**.

1. Il-konvenuta ghandha ditta (Greta design) ta' *interior design* u *project management*.
2. Il-konvenut inkarigaha taghmel xoghol ta' *interior design* gewwa l-fond 51, Flat 5, il-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia f'perjodu meta kien qieghed ighix fl-Awstralja. Ghamlitlu wkoll xoghol ta' project management billi tinkariga kuntratturi biex jaghmlu xoghol fl-appartament. Id-dmirijiet taghha kienu wkoll jinkludu li tixtrilu l-ghamara u mobbli ohra li kellhom jitpoggew fl-appartament. Hekk ghamlet ukoll mas-socjeta attrici.
3. Is-socjeta attrici kienet infurmata li l-ordnijiet kienu qeghdin isiru ghall-klijent taghha, Adrian Camilleri. Hi kienet taghmel l-ordnijiet ma' certu Adrian Stagno Navarra, impjegat tal-attrici, li kienet diga' hadmet mieghu fuq xoghol iehor ta' terzi.
4. Kienet hallset lill-attrici s-somma ta' €3,000 bhala depozitu ghall-mobbli li xtrat. Hlas li sar permezz ta' cekk taghha, datat 5 ta' Lulju 2012 (fol. 83).
5. Il-konvenut ikkonferma li l-mobbli li xtrat il-konvenut minghand l-attrici, kienu ghalih u li kien irrifjuta li jhallas ghaliex l-oggetti kienu difettuzi.
6. Hu evidenti li l-problemi nqalgħu minħabba 'l fatt li mal-konsenja tal-oġġetti ma ntalabx il-ħlas tal-bilanc tal-prezz u dan minkejja li b'email datata 4 ta' Lulju 2012 Adrian Stagno Navarra gharraf lill-appellata *"Re the deposit Euro 3944.00 should be ok and the **rest on delivery**[1]"*). Mill-provi ma rrizultax x'kienet ir-raguni.

## **Konsiderazzjoni**.

Mill-provi hu evidenti li l-appellanti kienet taf li l-appellata kienet qegħda tordna l-oġġetti ghan-nom ta' Adrian Camilleri u mhux għaliha. F'dan ir-rigward issir per ezempju riferenza għal:-

i. Email datata 13 ta' Gunju 2012 (fol. 48) fejn intalbet stima mingħand Adrian Stagno Navarro; *"We would like a quotation for a client of ours, Adrian Camilleri for......"*.
ii. Email datata 22 ta' Gunju 2012 (fol. 19) fejn Adrian Stagno Navarro ġie nfurmat li l-ħlas tad-depozitu kien ser isir kif l-appellata tirċievi l-flus mingħand il-klijent tagħha[2].
iii. Email datata 25 ta' Gunju 2012 (fol. 61) fejn il-konvenuta rreferiet ghal stima li rċeviet minghand Stagno Navarra u nfurmatu li l-isem fuq l-istima kien zbaljat; *"Please amend it, our client's name is Adrian Camilleri and we are seeing to this so the only names on*

[1] Enfażi tal-qorti.
[2] *"Also, we are waiting for a transfer to arrive in our clients local account, which will be some time next week, and Greta can only issue payment once that has gone through."* (fol. 52).

*there should be either ours or his please, thanks.".*

Dokumenti li minnhom jirriżulta li l-appellanti kienet taf li l-appellata qegħda tordna l-oggetti ghall-klijent tagħha, Adrian Camilleri. Saħansitra wkoll id-depozitu tħallas wara li rceviet il-flus mingħand Adrian Camilleri, fatt magħruf lill-appellanti.

Skont l-appellanti l-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata li Apap Bologna għamlitha ċara li ma kinitx qed taġixxi f'ismha proprju. Din il-Qorti kellha okkażjoni tgħid li:-

*"Hi regola ben saldata illi din il-Qorti ta' reviżjoni ma kellhiex tissindika l-apprezzament tal-provi li jkun sar minn Qorti nferjuri u li fuqu dik il-Qorti tkun ibbażat il-ġudizzju tagħha;*

*"Din l-enunċjazzjoni ġenerika tal-prinċipju ma toffrix diffikulta` u lanqas ma jidher li qatt ġiet disputata. B'danakollu, bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kkaġunata* ***nġustizzja manifesta****, hi għandha, b'dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anke tasal għal konklużjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti ppruvati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti* ***ma setgħetx ma kinitx żbaljata fl-apprezzament tagħha.*** *Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk tal-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata* ***nġustizzja manifesta" - Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto****, Appell, 06.10.1999 u* ***Emily Stivala et -vs- George Pace****, Appell mill-Bord, 06.10.2000."*[3]

L-argument tal-appellata hu li l-mobbli xtrathom bhala mandatarja tal-konvenut u għalhekk ma kinitx il-leġittimu kontradittur tal-attrici, fil-kawża li pproponiet biex tirkupra l-bilanċ tal-prezz. Il-qorti hi tal-fehma li għalkemm hu minnu li l-attrici kienet taf li l-mobbli kienu qeghdin jinxtraw ghal Adrian Camilleri, dan ma kienx bizzejjed sabiex ir-relazzjoni guridika tkun biss bejn l-appellanti u l-konvenut, meta tqies:

i. Qabel inqalghet il-kwistjoni, ma jirriżultax li kien hemm xi kuntatt dirett bejn l-attrici u Adrian Camilleri. Lanqas ma jirriżulta li ntalbet turi jew uriet xi prova dokumentarja li kienet awtorizzata taġixxi f'isem Adrian Camilleri. Ir-raġuni tgħidlek li kieku l-attrici aċċettat li n-negożju isir direttament ma' Adrian Camilleri tramite mandatarja, kienet titlob tali tagħrif iktar u iktar meta tqies li Adrian Camilleri ma kienx jirrisjedi f'Malta u l-prezz ma tħallasx mal-konsenja tal-mobbli.

ii. Ma jirriżultax li l-appellata tat id-dettalji personali ta' Adrian Camilleri lill-attrici. Fuq bazi ta' probabilita li kieku l-klijent tal-attrici kien Adrian Camilleri, Stagno Navarra kien jitlob id-dettalji ta' Camilleri jew għallinqas jaċċerta ruħu li l-ħlas tal-prezz isir mal-konsenja. L-ewwel darba li l-appellanti saret taf lil Adrian Camilleri kien wara li l-mobbli ġew ikkonsenjati u baqa' ma thallasx il-bilanc tal-prezz. M'huwiex verosimili li l-appellanti taċċetta li tinnegozja ma' Adrian Camilleri u ma titlobx id-dettalji personali tiegħu, iktar u

[3] **Rita Pirotta vs Simon Carbonaro,** 17 ta' Novembru 2004.

iktar meta rriżulta li f'xi żmien sar ftehim li l-bilanċ ma jitħallasx mal-konsenja.

iii. Fil-korrispondenza li ntbagħtet mill-uffiċċju tal-appellata kien jissemma li Adrian Camilleri hu klijent tagħħa. Hekk per ezempju f'email datata 13 ta' Gunju 2012, Erica Muscat kitbet *"We would like a quotation for a client of ours, Adrian Camilleri, for....."* (fol. 48). Hekk ukoll f'email datatata 12 ta' Lulju 2012 (fol. 76) l-appellata kitbet: *"My client has confirmed the quote for the three tv's as per listed below."* Fil-korrispendenza li baghatet lill-appellati qatt ma rreferiet ghal Adrian Camilleri bhala *"your client"*.

iv. Is-*sales order*, kontijiet u *delivery notes* dejjem ħarġu f'isem Greta Design. Dan fih innifsu juri li l-appellanti qatt ma ftehmet li l-klijent tagħha hu Adrian Camilleri. Fiż-żmien li nharġu ma jirriżultax li l-appellata talbet lil Stagno Navarra biex mid-dokumenti jitneħħa isem id-ditta tagħħa u minflok jitniżżel isem Adrian Camilleri. Għalkemm l-appellata qalet li ma tatx każ dan 'il fatt, dikjarazzjoni bħal dik mhi ta' ebda konsegwenza kontra l-appellanti. Bid-dokumenti l-appellanti kienet qegħda tagħmel il-posizzjoni tagħħa ċara, fis-sens li l-klijent tagħħa kienet l-appellata. Kien id-dmir tal-appellata li taqra sew id-dokumenti li kienet qegħda tingħata fiż-żmien li kien qiegħed isir in-negozju.

Minn dawn iċ-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-appellanti qatt m'aċċettat li l-klijent tagħħa kien Adrian Camilleri u l-appellata nnegozjat f'isimha.

Hu minnu li Luciano Martinelli, impjegat ieħor tal-appellanti, fil-21 ta' Novembru 2012 baghat email lill-konvenut Camilleri fejn qallu:

*"As discussed we expect that you transfer the amont due by end next week or latest beginning of the week after. I appreciate you acknowledge this email so we can communicate further with bank details to enable you effect transfer. Meanwhile, we would appreciate if in the meantime we can receive any form of payment prior to your departure as a sign of goodwill due to the long credit given on these transactions which are now overdue."* (fol. 121).

Pero' din l-email intbagħtet wara li l-ħlas intalab lill-appellata u min-naħa tagħħa bdiet issostni li l-ħlas kellu jsir minn Adrian Camilleri. F'dan ir-rigward l-appellata stess xehedet li Camilleri ma riedx iħallas peress li kien hemm xi oġġetti li ma kienux konformi mal-*ispecifications* u oħrajn li ma kienux jaħdmu sew:

*"Bdew jinsistu miegħi li jsir il-pagament li huma qalu li kien dovut. Jiena kemm-il darba tkellimt ma' Luciano Martinelli u nfurmajtu bil-pożiżżjoni tiegħi li jien kont biss qed neżegwixxi istruzzjonijiet tal-klijent tiegħi meta kont qed nagħmel l-ordnijiet u nixtri l-affarijiet a nom tiegħu u li Mirage kienu be konsapevoli tal-fatt li kien Adrian Camilleri li kien il-klijent tagħhom u mhux jien.*

*11. Nikkonferma wkoll li Mirage kienu għamlu kuntatt b'mod dirett ma' Adrian Camilleri fejn talbu iħallas l-ammont li qed jitolbu issa f'din il-kawża."*

Fil-fatt jirrizulta li fis-7 ta' Novembru 2012 Luciano Martinelli bagħat email l-uffiċċju tal-appellata (fol. 115) fejn talab il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz[4]. Hu għalhekk evidenti li fiż-żmien li ntbagħtet l-email tal-21 ta' Novembru 2012, l-appellanti kienet qegħda tipprova ssolvi l-problema li sabet ruħħa fiha minħabba li ma talbitx il-ħlas mal-konsenja. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li eżonerat lill-appellata minn kwalsiasi responsabbilta. Fil-fatt meta Martinelli ma rċeviex tweġiba mingħand Camilleri, fit-3 ta' Diċembru 2012 bagħat email lill-appellata fejn talabha tħallas il-bilanċ li kien għadu dovut.

L-appellata qalet li tant kienet qegħda taġixxi bħala mandatarja, li fir-rigward ta' ordni ta' televixins, fis-*sales order* (fol. 141) iddikjarat li qegħda tiffirma ghan-nom u in rapprezentanza ta' Adrian Camilleri. Il-qorti tosserva li:

i. Adrian Stagno Navarra xehed li qatt ma rċieva d-dokument lura ffirmat mill-appellata. Dokument li qal li kien bagħat lill-appellata permezz ta' email.
ii. L-appellata xehedet li d-dokument iffirmat kienet bagħtitu b'fax (fol. 188). Pero' ma pprżentatx prova dokumentarja li l-fax intbagħtet. Prova li l-qorti tistenna li kellha ssir li kieku verament intbagħtet il-fax.
iii. L-appellata xehedet: *"Jiena ngħid li ffirmajt on behalf of Adrian Camilleri għax bejni u bejn Flamingo dejjem kienu jafu li jien qed nidher ghal Adrian Camilleri."* Pero ma spjegatx per ezempju x'kienet ir-raġuni għalfejn fid-*delivery orders* ma ddikjaratx li qegħda tirċievi l-oġġetti ghan-nom ta' Adrian Camilleri.

In vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi l-qorti ma tistax temmen lill-appellata li kienet irritornat is-sales order iffirmat bil-kliem *"Greta Apap Bologna obo Adrian Camilleri"*.

Fit-tweġiba l-appellata sostniet li 'l fatt li l-kawża saret kontriha u Camilleri, hu prova li dejjem ikkunsidraw lil Camilleri bħala klijent tagħhom. Il-qorti ma taqbilx. Luciano Martinelli spjega li hekk sar fuq parir tal-avukati.

**<u>Konklużjoni</u>**: 'il fatt li l-appellata kienet infurmat lil Adrian Stagno Navarra li kienet qegħda tixtri l-oġġetti ghall-klijent tagħha Adrian Camilleri, ma jfissirx li l-appellanti aċċettat li tinnegozja direttament ma' Adrian Camilleri. Mill-osservazzjonijiet li saru jirriżulta li l-appellanti qatt m'aċċettat li l-klijent tagħha kien Adrian Camilleri.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-9 ta' Mejju 2015 u tiċħad l-eċċezzjoni tal-appellata Greta Apap Bologna li m'hijiex leġittimu kontradittur. Spejjeż taż-żewg istanżi a karigu tagħha.**

[4] Ara wkoll deposizzjoni ta' Luciano Martinell tal-15 ta' Novembru 2013 (fol. 80).

**Tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-ewwel qorti biex tkompli tisma' l-kawża.**

Anthony Ellul